# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-20 ta' Frar 2019**

**Talba Numru 332/2018SFJ**

**Muracel Limited (C48673)**

**vs.**

**Pedro Luis Mesa Ramirez f'ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza ta' ITEA Malta Limited (C69562)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut personalment kif ukoll lis-soċjetà konvenuta jħallsu s-somma ta' seba' mija u żewġ Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€702.71), ammont rappreżentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugħa lilu fuq struzzjonijiet tiegħu, liema ammont baqa' ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu magħmula, bl-ispejjeż kollha tal-preżenti kif ukoll bl-imgħax bl-ogħla rata permessa mill-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi li huma *statements* mibgħuta lis-soċjetà konvenuta li jindikaw il-bilanċ dovut kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

Ra anki li dan l-Avviż tat-Talba ġie tradott għall-lingwa Ingliża.

Ra li l-konvenut u s-soċjetà konvenuta debitament notifikati bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ baqgħu ma ippreżentaw ebda risposta u lanqas dehru sabiex jikkontestaw il-kawża.

Ra li fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2019, il-konvenut ma deherx u s-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu ried jipprova bil-ġurament li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Illi in vista, allura, tal-fatti, il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja.

Ra li fl-4 ta' Frar 2019, il-konvenut baqa' ma deherx u Joseph Agius, għas-soċjetà attriċi, iddikjara bil-ġurament li s-soċjetà attriċi għandha tieħu mingħand il-konvenuti s-somma mitluba f'din il-kawża għar-raġunijiet mogħtija u sal-lum, dan id-debitu għadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenuti.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsekwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' seba' mija u żewġ Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€702.71) bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mis-17 ta' Novembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**

**GUDIKATUR**